**IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**
**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti)**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**
**(Spettur Mario Cuschieri)**
**-vs-**
**Ben Ali Hatem Samara**

Illum 5 ta' Ġunju, 2023

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Ben Ali Hatem Samara** imwieled **mwieled f'Beni Khalled, fit-Tunesija, nhar it-03/04/1972, mingħajr residenza fissa lokalment, detentur tad-dokument tal-identità (Passaport) Tuneżin Y970603**, aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-estradant';

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* datat 19 ta' Mejju 2021,[1] kif ukoll il-ħruġ ta' Mandat t'Arrest Ewropej datat 10 ta' Mejju 2021,[2] maħruġin mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Generali fi ħdan il-Qorti t'Appell ta' Trieste,[3] fl-Italja pajjiż skedat a tenur tar-Regolament 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Liġi Sussidjarja 276.05 (Avviż Legali 320 ta' l-2004), aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-Ordni';

Wara li rat iċ-ċertifikati tal-Avukat Ġenerali datat 4 ta' Jannar 2023 ai termini tar-Regolament 7 tal-Ordni;[4]

---

[1] **Dok.RS2** a fol.7 u Form A, **Dok.RS3** a fol.8-9
[2] **Dok.RS6** a fol.14-20 (bit-Taljan); **Dok.RS7** a fol.17-20
[3] Procura Generale Della Repubblica di Trieste
[4] **Dok.RS18-RS19** a fol.73-74

Wara li rat il-verbali ta' din il-Qorti, anke kif diversament preseduta, tal-20 ta' Mejju, 2023 u tat-23 ta' Mejju, 2023;

Wara li fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2023, semgħet lill-estradant jiddikjara li qed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex jintbagħat lura l-Italja w li mhux qed jirrinunzja għad-dritt ta' speċjalità konċess ai termini tar-Regolament 18 ta' l-Ordni fuq imsemmi;

Wara li spjegat lill-estradant l-import tar-Regolament 43 ta' l-Ordni, u ġie assigurat li d-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu ġew osservati u miftehma mill-estradant;

Wara li rat l-Artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kif reż applikabbli bir-Regolament 44 ta' l-Ordni;

Għaldaqstant,

Ai termini tar-Regolament 44 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviż Legali 320 ta' l-2004 (Liġi Sussidjarja 276.05), **tordna it-treġġigħ lura tal-estradat lejn l-Italja, il-pajjiż skedat fejn inħareġ il-mandat.**

**MAĠISTRAT**